**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Novembru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-vs-**

**Said Abdellattif Mohamed Hemdia Elsakka, detentur tal-passaport bin-numru A03133019**

**Kumpilazzjoni 127/2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Said Abdellattif Mohamed Hemdia Elsakka u ċioè talli:

> F'ismu proprija u/jew bħala kaptan tal-bastiment tas-sajd Rosnik (MFA 6017) f'dawn il-gżejjer, f'Settembru 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti li jiksru l-istess dispoiżżzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Sabiex jiksab xi vantaġġ jew benefiċċju għalih nnifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
2. Xjentament għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
3. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u li jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa.

Fuq talba tad-Direttur Ġenerali tas-Sajd u Akkwakultura akkużat ukoll talli:

4. Bejn l-24 u s-27 ta' Frar 2014, bejn il-15 Marzu u l-1 ta' April 2014, bejn il-15 u 21 ta' Mejju 2014, bejn l-10 u s-16 ta' Ġunju 2014 u bejn l-25 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu 2015 f'diversi okkażjonijiet, kiser d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-LS 425.08 li jwassal għal reat ta' xorta gravi u dan minħabba li l-ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta kien kompletat skorrettament u kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tar-*Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Numru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. (hawn l-aktar 'il quddiem "Regolament 404/2011");*

5. Bejn il-15 ta' Marzu u l-1 ta' April 2014, bejn il-15 ta' Mejju u l-21 t' Mejju 2014, bejn l-10 ta' Ġunju u s-16 ta' Ġunju 2014 u bejn it-23 ta' Awwissu u l-5 ta' Settembru 2014 fuq il-baħar u bil-bastiment tas-sajd Rosnik MFA 6017, kiser id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-LS 425.08 li jwassal għal reat ta' xorta gravi u dan minħabba li l-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku ma kienx kompletat tempestivament u korrettament bi ksur tad-dispożzjonijiet tal-artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru

2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-regolamenti (KE) numru 847/96. (KE) numru 2371/2002, (KE) numru 811/2004, (KE) numru 768/2005, (KE) numru 2115/2005, (KE) numru 2166/2005, (KE) numru 388/2006, (KE) numru 509/2007, (KE) numru 676/2007, (KE) numru 1098/2007, (KE) numru 1300/2008, (KE) numru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) numru 2847/93, (KE) numru 1627/94 u (KE) numru 1966/2006 (hawn l-aktar 'il quddiem "Regolament 1224/2009") u tal-artikolu 47 tar-Regolament 404/2011;

6. Talli f'diversi okkażjonijiet li jmorru bejn it-13 ta' Novembru 2013 u s-16 ta' Ġunju 2014, bi ksur tal-artikolu 29(2)(b) tal-Kap 425 tal-Liġijiet ta' Malta ngħata tagħrif falz fir-rigward tad-dettalji fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, tal-vouchers tal-bejgħ fil-pixkerija u tal-karti tal-bejgħ dirett li jiġu sottomessi lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura skont id-dispożizzjonijiet relattivi tal-liġi;

7. Talli bejn il-15 ta' Mejju u l-21 ta' Mejju 2014, bejn l-10 ta' Ġunju u -16 ta' Ġunju 2014 u bejn it-23 ta' Awwissu u l-5 ta' Settembru 2014, ħut maqbud mill-bastiment tas-sajd Rosnik MFA 6017 jew miżmum abbord l-istess bastiment ma ġiex imniżżel l-art u kkummerċjalizzat għall-ewwel darba f'post dezinjat bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-LS 425.08 li wassal għal reat u dan minħabba ksur tal-artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 1967/2006 tal-21 ta' Dimċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemeda r-Regolament (KE) numru 2847/93 u r-regolament (KE) numru 973/2001 u jħassar ir-Regolament (KE) numru 1626/94 (hawn l-aktar 'il quddiem "Regolament 1967/2006");

> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35(1) tal-Kap 425 tal-Liġijiet ta' Malta udan fir-rigward tal-garanziji dovuti u taż-żamma tal-bastiment tas-sajd.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi kif rrilevat b'lejalta` l-prosekuzzjoni fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2017, l-akkuzi l-ohra huma preskritti ai termini tal-ligi.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, l-ammissjoni tal-imputat li ma jistax jinghad li kienet xi

wahda bikrija, tal-fedina penali netta tieghu kif ukoll tac-cirksotanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 48A, 188 u 189 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, tiddikjara procediment estint rigward l-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tnejn u tlettin xahar millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**